MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 1074/2003

**Environmental Management Design & Planning Limited**

**Vs**

**Emanuel u Rita konjugi Mallia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet li l-konvenuti jigu kkundannati sabiex ihallsuha s-somma ta' elfejn, sitt mija u disgha u ghoxrin Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€ 2,629.26), ekwivalenti ghal elf, mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm1,128.44), liema somma hija dovuta in konnessjoni ma' servizzi professjonali moghtija lill-konvenuti fuq inkarigu taghhom stess, liema servizzi huma indikati fil-fattura datata 8 ta' Jannar, 2002.

Bl-ispejjes, kif ukoll dik ta’ l-ittra interpellatorja datata 25 ta’ Marzu, 2002, ta’ l-ittri ufficjali datati 2 ta’ Mejju, 2002 u 6 ta’ Awissu, 2002 u bl-imghaxijiet mid-data ta’ hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi t-talba ghal hlas ghandha tigi respinta peress illi hija infondata fil-fatt u fid-dritt oltre ghar-ragunijiet segwenti:-

1. L-intempestivita’ tal-kawza odjerna stante li l-kaz in ezami jinsab pendenti ghall-verifiki stante kontestazzjoni quddiem il-Bord tal-Periti.
2. L-ammont mitlub huwa eccessiv kemm per se in relazzjoni mal-inkarigu moghti u kif ukoll bil-mod kif qassam il-kont ma’ John Vella.
3. B’riserva li jitressqu risposti ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici.

Ra x-xhieda ta’ A.I.C. Mariello Spiteri li jispjega li huwa ‘Managing Director’ tas-socjeta’ attrici u ghandu r-rapprezentanza guridika taghha. Ighid li kienu gew avvicinati mill-konvenuti li kellhom garaxxijiet adjacenti, flimkien ma’ garaxxijiet ta’ Vella Estates Limited, li diretturi taghha huma hut il-konvenuta.

Il-konvenuti kienu avvicinaw lis-socjeta’ tieghu sabiex iwaqqghu l-proprjeta’ taghhom u jergghu jibnuha, inkluz li jghaddu ghal dawn il-garaxxijiet. Jispjega li hu kien issugerrixxa lill-klijenta tieghu sabiex jitkellmu ma’ hut il-konvenuta sabiex jintlahaq ftehim maghhom u ssir applikazzjoni wahda biex jottjenu il-permessi relattivi.

Il-ftehim intlahaq u huma ppreparaw il-pjanti tal-izvilupp. Il-ftehim jirrizulta bil-miktub u l-konvenut kien urieh kopja tal-ftehim.

Is-socjeta’ attrici kellha tithallas parti minn Vella Estates Limited u parti mill-konvenuti. Hu kien inghata l-inkarigu sabiex jitwaqqa’ l-bini u jerga’ jinbena u xtaqu jibnu ‘flats’.

Mill-MEPA kien hemm suggeriment biex minflok jinbena 'Old Peoples Home', izda baqghu jinsistu li jibnu 'flats', sakemm fl-ahhar qablu u kienu inkarigawh sabiex jaghmel il-preparativi ghal 'Old Peoples Home', izda waqqfulu dan l-inkarigu meta rcevew il-kont ghal prestazzjonijiet tieghu. Il-MEPA kienet qed tinsisti li aktar milli ssir applikazzjoni ghal zvilupp residenzjali jkun hemm applikazzjoni ghal 'sheltered housing'.
Ix-xhud jikkonferma li hu kien hadem il-kont tieghu a bazi tat-Tariffa K, Section 10 u 11 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li tohrog mill-ligi tal-1981. Kien hejja l-pjanti qabel it-twaqqigh u kien ikkalkola bir-rata ta' 1.25% ghaliex haseb li kienu ser ikomplu biex xoghol aktar tard, izda mbaghad itterminawlu l-inkarigu. Il-kalkolazzjoni saret fuq il-valur tal-bini finali, li teknikament kienu jeccedu t-2% u kien qed jippretendi daqshekk.

Il-konvenut kien qallu li kien qed jara l-ammont eccessiv. Hu kien dispost li jhallsu biss mitejn lira Maltin (Lm200), u cioe' llum ekwivalenti ghal erba' mija u sittin Euro (€460)

Peress li originarjament l-applikazzjoni mal-MEPA kienet ser tkun ghall-'flats' u mbaghad biddluha ghall-'Old Peoples Home', kien informa lill-konvenuti li kien hemm xi spejjes u kienu talbuh biex jibaghtilhom kont u kien hawn li waqqfuh mill-inkarigu tieghu.

Il-Perit jikkonferma li hu kien hareg il-'construction costs'.

Jinnega li gie nfurmat b'xi proceduri li kienu ttiehdu quddiem il-Bord tal-Periti.

Jispjega li kienu ghamlu d-disinji u l-pjanti u kienu saru 'presubmission meetings' mal-MEPA, izda l-applikazzjoni ma kienitx giet pprezentata. Izid ighid li nofs il-progett kien gie stmat ghal tlieta u sebghin elf lira Maltin (Lm73, 000), u cioe' mija u sebghin elf u erbgha u erbghin Euro (€170,044), u dan kienu bhala 'construction costs'. Bhala valur totali kien hemm mitejn u tletin elf lira Maltin (Lm230,000), u cioe' hames mija u hamsa u tletin elf u disa' mitt Euro (€535,900).

Hemm zewg (2) faccati u zewg (2) livelli ta' garaxxi, hamsa u ghoxrin elf lira Maltin l-wiehed (Lm25,000), u cioe tmienja u hamsin elf u mitejn u hamsin Euro (€58,250), u tlett (3) appartamenti fuqhom.

Ra x-xhieda tal-Perit Godwin Aquilina li xehed li kien mar ikellmu l-konvenut u talbu jaghmel stima fuq l-istruttura fuq pjanti li pprovdilu. Kien ghamel certifikat fid-29 ta' Marzu, 2004. Ikkonferma li kien dahhal fl-istima il-pjanta tal-'ground floor', tal-'intermediate floor', tal-'first floor' u 'second floor'. Ikkonferma ukoll il-pjanti tal-'front elevation', 'side elevation' u dik tat-'trasverse elevation'.

Jispjega li hu kien biss ghamel stima tax-xoghol li kien ghad fadallu jsir u mhux ghal dak li sar. Jikkonferma li kien wasal ghal-valuri li hemm esebiti fic-certifikat mahrug minnu fid-29 ta' Marzu, 2004. Lanqas ma dahal fil-valutazzjoni tal-garaxxijiet.

Ighid li l-istima saret fuq il-post kollu.

Ra x-xhieda tal-konvenut Emmanuel Mallia li jghid li huwa sid tad-dar 55, 'Casa Vella', Old Mill Street, Mosta. Ighid li kien sar ftehim ma' Vella Estates Ltd. kumpanija ffurmata minn John Vella li jigi hu martu. Kien qablu li jaghmlu zvilupp flimkien billi jwaqqghu d-dar taghhom u jibnu fuq l-arja tal-garaxxijiet.

Kien ghalhekk li mar ikellem lill-Perit. Il-ftehim kien sar wara li kienu raw id-disinji tal-Perit u l-ftehim kien sar permezz ta' skrittura privata datata 28 ta' Settembru, 2001.

Wara li sar dan il-ftehim il-Perit kien qal li l-MEPA ma kienux ser jaccettaw applikazzjoni sabiex jinbnew garaxxijiet sovraposti ghal dawk gia' ezistenti. Kienu ssuggerew li jinbena blokk ta' appartamenti mqassma fuq zewg sulari. Kien ghalhekk li kien talab il-Perit sabiex jurihom l-pjanti ghall-approvazzjoni taghhom qabel ma japplika ghal permess tal-Planning.

Kien talab lill-Perit sabiex ighidlu kemm kellu jaghtih akkont u kien hawn li l-Perit baghtlu kont shih fuq ix-xoghol li kien ghamel u fuq ix-xoghol li kien ghadu m'ghamel xejn fuqu. Ighid ukoll li hass li l-ammont kien wiehed ezagerat u jghid li kien jifhem ghaliex kien jaghmel xoghol ta' bennej..

Kien kellem lill-Perit u kien offrielu mitejn lira Maltin (Lm200), u cioe' erba' mija u sittin Euro (€460), izda ma kienux qablu ghaliex il-Perit kien qed jippretendi elf lira Maltin (Lm1,000), u cioe' elfejn u tlett mitt Euro (€2,300), dan ghaliex kien sar id-disinn ghall-garaxxijiet li ciononstante', il-Perit kien jaf li qatt ma setghu jinbnew ghaliex ma kienx ser ikun hemm approvazzjoni. Il-konvenut lanqas biss jaqbel mal-istima tal-garaxxijiet li ammontaw ghal tlieta u sebghin elf lira Maltin (Lm73, 000), u cioe' elf, seba' mija u erbgha u erbghin Euro (€170, 044).

In segwitu jghid li qabbdu lill-Perit Bondin biex jiddisinja, jaghmel il-pjanti u japplika ghal permess tal-bini fuq l-istess sit ghal disgha (9) u mhux sitt (6) mezzanini u kienu hallsuh l-ammont ta' tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm885,) u cioe' elfejn u tnejn u sittin Euro (€2,062), inkluz l-VAT.

Ighid ukoll li kien qabbad lill-Pertit Godwin Aquilina sabiex jaghmel stima tax-xoghol li kienu ppjanaw, izda li ma giex approvat u l-istess Perit ghamel stima tax-xoghol li ghamel il-Perit Spiteri bhala lest u wasal ghall-ammont totali ta' hamsa u sittin elf lira Maltin (Lm65,000), u cioe' mija u wiehed u hamsin elf u erba' mija u hamsin Euro (€151,450), filwaqt li l-Perit Spiteri qed jippretendi ghax-xoghol bhala lest fl-ammont ta' mija u hmistax-il elf lira Maltin (Lm115,000), u cioe' mitejn u sebgha u sittin elf u tmien mija u sebgha u sebghin Euro u erbgha u disghin centezmi (€267,877.94).

Ra x-xhieda ta' Gianni Vella li huwa direttur tas-socjeta' Vella Estates Ltd., u jikkonferma li kien sar ftehim bejn is-socjeta' u l-konvenuti sabiex isir zvilupp fuq is-sit fejn

kienu jinstabu d-dar tal-konvenuti, kif ukoll fuq l-arja tal-garaxxijiet, proprjeta' tas-socjeta'.

Kienet saret skrittura privata fit-28 ta' Settembru, 2001 u dan wara li l-Perit kien lesta d-disinji. Il-konvenut Mallia kien sussegwentement infurmah li l-izvilupp ma setax jigi approvat u kien gie propost minflok li jinbnew appartamenti, mqassma fuq zewg sulari u li kellhom jinbnew fuq il-garaxxijiet ezistenti fil-'ground floor'.

Jikkonferma li kienu baqghu mal-Perit li kellu jurihom il-pjanti qabel ma jipprezentaha ghall-approvazzjoni.

Kien hejja l-pjanta u kien tahom il-kopja, pero' ma kienx inkarigat jaghmel xejn aktar u kien ghalhekk li wara baghatlu kont, kif ukoll kien baghat kont lill-konvenut Mallia, izda t-tnejn kienu qed jikkontestaw dan l-ammont ghaliex rawh ezagerat.

Il-Perit kien imbaghad fetah kawza kontrih. Ighid li kien qabbad il-Perit Bondin sabiex jaghmel id-disinji, il-pjanti u japplika ghal permess li mbaghad hareg u ghal kollox kien hareg kont ta' tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm885), u cioe' elfejn u tnejn u sittin Euros (€2,062), li minnhom kien hemm biss mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250), u cioe' hames mija u tnejn u tmenin Euro (€582) ta' idejh.

B'digriet tat-Tribunal tal-20 ta' Novembru, 2006 kien gie nominat il-Perit Joseph Ellul Vincenti sabiex jirrelata fuq il-valur tax-xogholijiet li jidhru fil-pjanti a fol 31 sa 37 tal-process.

It-Tribunal ra r-rapport tal-Perit Joseph Ellul Vincenti li wasal ghal konkluzzjoni li bhala stima tal-bini propost, dan kien jammonta ghal tmienja u disghin elf u tlett mija u seba' liri Maltin(Lm98,307), u cioe' mitejn u disa' u ghoxrin elf Euro (€229,000), liema somma tinkludi ukoll il-Vat bit-tmintax fil-mija (18 %).

Peress li x-xoghol sar kemm ghall-konvenuti, kif ukoll ghal Vella Estates Limited, ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-

garaxxijiet l-attur kien biss intitolat ghal nofs il-‘fees’, filwaqt ghal dak li jirrigwarda l-appartamenti il-‘fees’ huma kollha dovuti minghand Mallia.

Ghal nofs il-garaxxijiet wasal ghas-somma ta’ tnejn u tletin elf u erba’ mija u tlett liri Maltin (Lm32,403), u cioe’ hamsa u sebghin elf u hames mitt Euro (€75,500) bhala stima tal-‘flats’ wasal ghal total ta’ tlieta u tletin elf u hames mitt lira Maltin (Lm33,500), u cioe’ tmienja u sebghin elf Euro (€78,000). B’kollox total ta’ sitta u sittin elf lira Maltin (Lm66,000), u cioe’ mija u tlieta u hamsin u seba’ mija u tmienja u tletin Euro (€153,738).

Il-Perit Joseph Ellul Vincenti wasal ghal kalkulazzjoni li d-dritt tal-Perit Mariello Spiteri, ghandha tigi bbazata fuq Tariffa K bit-tnejn fil-mija (2%) li jwasslu ghal total ta’ elf tlett mija u ghoxrin lira Maltin (Lm1,320), u cioe’ tlett elef u hamsa  sebghin Euro (€3,075).

Ra x-xhieda tal-Perit Joseph Ellul Vincenti, prodott in eskussjoni li jispjega li hu kien applika r-rati fissi fil-ligi u dawn kien ta’ tnejn fil-mija (2%) u minkejja li huma ta’ sentejn ilu, ftit jew wisq ma jkunx hemm varjazzjoni.

Jaqbel li ghalkemm kien applika Vat bit-tmintax fil-mija (18%) wara li ha pariri mill-Kamra tal-Periti, jaqbel ukoll illi jekk ix-xoghol sar fl-2002 allura kellu japplika Vat ta’ hmistax fil-mija (15%).

Ighid li ma jistax’ jihem kif il-Perit Spiteri kien qed jitlob biss bir-rata ta’ 1.25%.

Ra l-atti u d-dokumenti kolha esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe’ l-intempestivita’ tal-kawza, minhabba li allegatament kien hemm il-kwistjoni pendenti quddiem il-Bord tal-Periti, jirrizulta li l-konvenut ma tantx ta’ importanza lil din l-eccezzjoni, tant li l-unika darba li semma’ xi haga kienet meta qal li meta hass li l-kont li kien tah il-Perit Mariello Spiteri kien eccessiv kien

irrefera l-kwistjoni lil Bord tal-Periti, izda ma kien sema' xejn minghandhom.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li jkun inutili li jkompli fuq din l-ewwel eccezzjoni li ma tirrizultax sostnuta u ghalhekk ser ighaddi immedjatament ghat-tieni eccezzjoni.

It-tieni eccezzjoni tirrigwarda l-ilment tal-konvenuti li ma riedux ihallsu l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ghaliex dan kien eccessiv.

It-Tribunal, bid-digriet tieghu tal-20 ta' Novembru, 2006, kien inkariga lil-Perit Tekniku AIC Joseph Ellul Vincenti sabiex jaghti valutazzjoni ta' dak li ghandu jkun dovut lis-socjeta' attrici u dan fuq analizi tal-pjanti esebiti a fol 31 sa 37 tal-process.

Il-Perit Tekniku ghamel analizi dettaljati tal-proprjeta', li fuqu kien beda jahdem il-Perit Mariello Spiteri, qabel il-konvenuti, flimkien mas-socjeta' Vella Estates Limited kienu tterminawlu l-inkarigu tieghu.

Il-fatti jindikaw li bejn il-konvenuti u s-socjeta' Vella Estates Limited, kien sar ftehim sabiex id-dar tal-konvenuti titwaqqa' u terga' tinbena, flimkien mal-arja ta' fuq il-garaxxijiet, proprjeta' tas-socjeta'. Kienu ftehmu li jaqsmu l-ispejjes ghal dak li jirrigwarda l-kostruzzjoni u ghall-permessi tal-kumpless 'garages' min-numru wiehed (1) sa' disgha u ghoxrin (29). L-ispejjes ta' permessi, twaqqiegh u kostruzzjoni tad-dar tal-konvenuti, salv il-garaxxijiet li jgibu n-numru 1, 2, u 3, dawn ikunu a karigu tal-konjugi Mallia.

Gara pero', li meta kienet saret laqgha mal-Mepa, flimkien mal-Perit Spiteri sabiex jaraw il-'feasibility' tal-progett, kien jidher li kien ser ikun hemm problema sabiex l-applikazzjoni tigi approvata u kien ghalhekk li l-Mepa kienet issuggerit li ssir applikazzjoni ghal 'Old People's Home', jew appartamenti mibnija fuq zewg (2) sulari.

Kien ghalhekk li l-konvenut kien talab lill-Perit Spiteri sabiex jahdimlu fuq dak suggerit sabiex jara l-pjanti u jekk

kienx hemm bzonn li jhallas xi haga akkont. Il-Perit Spiteri minflok baghat kont shih tax-xoghol li kien ghamel u fuq ix-xoghol li kien ghad fadallu x'jaghmel.

Il-konvenuti jikkonfermaw li kienu tterminaw lill-Perit mill-inkarigu moghti lilu ghaliex kienu raw li l-kont kien esagerat u dan kien ukoll il-kaz ghas-socjeta' Vella Estates Limited.

Il-konvenuti argumentaw fis-sottomissjonijiet taghhom li (a) ma kellux jigi impost l-VAT fuq il-mizata tal-Perit li ghandha tinhadem fuq il-valur tal-proprjeta u ghalhekk dan per se jwassal ghal kalkolazzjoni differenti minn dik tal-Perit Spiteri; u (b) il-kont m'ghandux jinkludi l-valur tal-bini tal-garaxxijiet jekk dan l-progett ma kienx ser ikun wiehed li ser jigi approvat.

It-Tribunal josserva li in kwantu ghal kwistjoni tal-VAT, din primarjament giet applikata mil-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti, li applikaha bir-rata ta' tmintax fil-mija (18%) fuq rata ta' tnejn fil-mija (2%) skond it-Tariffa K fil-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-valur tal-propjeta' in kwistjoni.

Irrizulta mix-xhieda tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti li kien hemm direttiva mill-Kamra tal-Periti sabiex tigi imposta l-VAT fuq is-servizzi rezi mill-Periti. Il-konvenut ipproduca kopja tad-direttivi mahruga mil-Kamra tal-Periti, rigward l-imposizzjoni tal-VAT u din harget fl-2005, meta l-kawza tirreferi ghas-sena 2002.

Il-Perit Ellul Vincenti li kien ikkonferma l-imposizzjoni tal-VAT mal-Kamra tal-Periti u dan sabiex ikun cert ghaliex kien jaf bhala fatt li l-VAT ghandu jigi impost.

Hija mbaghad kwistjoni ohra jekk l-Vat ghandux ikun dak ta' tmintax fil-mija (18%) jew dik ta' hmistax fil-mija (15%). Il-kont li baghat il-Perit Spiteri, u dan kien fit-8 ta' Jannar, 2002, u gie kkonfermat mill-Perit Tekniku Ellul Vincenti li fis-sena 2002 hija applikabbli r-rata ta' hmistax fil-mija 15%) u mhux dik ta' tmintax fil-mija (18%), kif applikaha hu stess fir-rapport tieghu.

Dwar is-sottomissjoni l-ohra da parti tal-konvenuti, li kienu jippretendu li l-Perit Spiteri ma jdahhalx fil-kont il-valur tal-garaxxijiet ghaliex dan il-progett ma sehhx, it-Tribunal josserva li ma jaqbilx mat-tesi tal-konvenuti ghaliex originarjament dan kien il-progett li hadem fuqu l-Perit u li ghalih kellu diversi laqghat mal-Mepa, qabel ma applika. Kien kompla hejja l-pjanti u ghamel x-xoghol ghal dak li jirrigwarda l-progett, kif suggerit mill-Mepa u cioe' li jinbnew appartamenti fuq zewg (2) sulari.

Ghalhekk, ix-xoghol sar, dawk kienu l-pjanijiet originali li ghalihom il-Perit ghandu kull dritt li jithallas u hawn it-Tribunal jaqbel mal-mod kif il-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti ghamel il-valutazzjoni tal-istess garaxxijiet li gew stmati fuq valur ta' erbgha u sttin elf u tmien mija u seba' liri Maltin (Lm64,807), u cioe' mija u wiehed u hamsin elf Euro (€151,000).

Fl-ahharnett, hemm il-kwistjoni tar-rata applikabbli ghall-Perit Spiteri. Ghandu jinghad li l-Perit Tekniku AIC Joseph Ellul Vincenti applika rata ta' tnejn fil-mija (2%), skond kif jirrizulta fit-Tariffa K fil-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa minnu pero' li tul il-kaz ssemma li meta s-socjeta' attrici hejjiet il-kont, kien applika rata ta' 1. 25%.

It-Tribunal jaqbel mat-tesi tal-konveuti li ma tistax tigi adottata rata ta' 2% meta kien hemm accettazzjoni bejniethom li l-kont jinhadem fuq ir-rata ta' 1.25%.

Hawn fejn it-Tribunal ghalhekk ma jistax jaqbel in toto mar-rapport tal-Perit AIC Joseph Ellul Vincenti.

Ghalhekk, in kwantu l-valutazzjonijiet tal-bini u kostruzzjoni, it-Tribunal jikkonferma dak kollu msemmi mill-Perit Tekniku - ghal nofs il-garaxxijiet wasal ghas-somma ta' tnejn u tletin elf u erba' mija u tlett liri Maltin (Lm32,403), u cioe' hamsa u sebghin elf u hames mitt Euro (€75,500) u bhala stima tal-'flats' wasal ghal total ta' tlieta u tletin elf  u hames mitt lira Maltin (Lm33,500), cioe' tmienja u sebghin elf Euro (€78,000). B'kollox total ta' sitta u sittin elf lira Maltin (Lm66,000), u cioe' mija u tlieta u hamsin elf  u seba' mija u tmienja u tletin Euro (€153,738).

Fejn it-Tribunal ser ikollu jitlaq mill-konluzzjonijiet tal-Perit Tekniku in kwantu jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Vat minn tmintax fil-mija (18%) u minflok jigi applikat VAT ta' hmistax fil-mija (15%) peress li l-kont imur lura ghas-sena 2002 u dan meta s-servizzi gew resi u fuqhom kien hemm t-taxxa relattiva.

Oltre min hekk, it-Tribunal ma jaqbilx li ghandha tigi applikata ir-rata ta' tnejn fil-mija (2%) fuq il-valur tal-porprjeta', meta effettivament kien jidher li kien hemm ftehim tacitu li tigi applikata r-rata ta' 1.25%.

Fuq dawn il-konstatazzjonjiet, dan it-Tribunal ser ikollu jvarja r-rapport tal-Perit Tekniku in kwantu jirrigwarda dak imsemmi 'l fuq, l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ghandu jkun dak ta'

(Lm66,000) x 1.25 % = Lm 825 + Lm 123.75 VAT = Total ta' Lm 948.75 illum ammontanti ghal Euros 2210.58.

Jigi osservat fl-ahharnett ghal fini tal-kap tal-ispejjes illi l-konvenut qatt ma iddepozita fir-registru tal-Qorti dak li kien jammetti li hu dovut lill-attur.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal jiddisponi mill-kawza billi jilqa' it-talba attrici limitatament ghas somma ta' elfejn, mitejn u ghaxar Euro u tmienja u hamsin centezmi (€2,210.58c) u jichadha ghal kumplament. L-ispejjes jithallsu kwantu ghal decimal parti (1/10) mill-attur nomine, mentri ir-rimanenti jithallsu mill-konvenut flimkien mal-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------